

# Il-Fieri u Ħal Tarxien

Charlie Garcia

Waħda mill-attivitajiet ewlenin li kienu jorganizzaw kienu l-fieri. Dawn kienu jsiru għal diversi raġunijiet. L-ewwel u qabel kollox dawn kienu mezz tajjeb biex wieħed jiġbor kemxa flus. Kien ikun hawn minn ried jiġbor għall-każin, ngħidu aħna biex wieħed jagħmel xi alternazzjonijiet fil-bini tal-każin. Hawn min ried jirranġa xi knisja jew iħit it-tiżjin tagħha. It-tieni raġuni kienet tkun id-divertiment. It-televixin kien nieqes mid-djar u r-Reduffision kien l-uniku mezz ta' komunikazzjoni li kien hemm. Biex wieħed jara xi film wieħed kellu jħalli r-raħal u jmur fl-aqwa ċentri bħal Raħal Ġdid, Bormla, il-Belt Valletta u Tas-Sliema. L-idea ta' fortuna kienet ukoll fattur li kien jiddomina fuq moħħ ħafna nies. Il-logħob kien popolari mal-Maltin.

## L-istaġun tal-fieri

Il-fieri kellhom l-istaġun tagħhom. Dawn aktarx kienu jsiru bejn Settembru u Ottubru. Ġieli kont tara wkoll xi fieri biswit il-baħar matul ix-xhur tas-sajf bħal f'Tas-Sliema ħdejn Għar id-Dud. Biex tagħmel fieri kien ikollok l-ewwel tiġbor l-affarijiet. Kien ikun hemm affarijiet li jiġu mogħtija minn diversi nies u oħrajn li wieħed kellu bżonn jixtri mingħand xi aġent. Wara wieħed kellu l-bżonn tal-permessi mill-awtorità kif ukoll ix-xiri tal-biljetti, imwejjed twal u rdieden bl-imsiemer u n-numri. Xi tip ta' mużika kien hemm bżonn ukoll.

## Il-fieri f'Ħal Tarxien

Fis-snin sittin il-fieri f'Ħal Tarxien kienu jsiru matul Settembru. Billi dawn il-fieri jsiru fl-apert wieħed kellu jagħżel il-ħin ideali meta kien jorganizzawhom. Għat-Tarxinżi Settembru kien l-aħjar żmien. L-ewwel ħaġa f'dan ix-xahar is-seħer tal-baħar ikun niżel sew mat-Tarxiniżi. Il-wasla f'Birżebbuġia, fir-Ramla taż-Żejtun jew sa Marsaskala (Wied il-Għajn) tkun bdiet tonqos, aktar u aktar meta t-tfal ikunu waslu biex jerġgħu jibdew imorru l-iskola. It-tieni ħaġa hija t-temp. Settembru hu xahar li filgħaxija t-temp ikun aktar frisk. Ħarġa bil-mixi filgħaxija tinżel għasel, aktar u aktar fil-kumpanija tal-ħbieb. Fl-aħħarnett il-poplu kien mixtieq mid-divertiment.

F'Ħal Tarxien kien hemm tliet organizzaturi tal-fieri. Il-Każin tal-Banda Marija Annunzjata kien jorganizza l-fiera tiegħu. Din kienet tkun organizzata mill-Kumitat tal-Każin u kienet issir fil-bitħa spażjuża li hemm wara l-bini tal-każin. Il-każin kien dejjem jinsisti biex jorganizza fiera biex jaqta' sewwa l-ispejjeż tal-festa li jorganizza kull sena ad unur il-patruna tar-raħal – Marija Annunzjata. Meta jkun hemm xi anniversarju speċjali l-fiera ta' qabel il-festa tkun waħda ikbar.

Il-komunità reliġjuża ta' Ħal Tarxien kienet torganizza fiera oħra wkoll f'Settembru. Ġieli kien hemm fiera bi skop ta' fejda kbira, bħall-bini tal-knisja tal-Agostinjani jew il-knisja tal-



Ewrieħ. Il-fiera tal-patrijiet Agostinjani kienet issir fil-*playground* tal-Kulleġġ waqt li l-fiera għall-knisja tal-Erwieħ, minn għalija, kienet issir quddiem iċ-ċimiterju tal-Erwieħ.

## L-ikbar fiera

Fil-ħamsinijiet l-ikbar fiera kienet tkun tal-Kappillan. Din kienet tkun organizzata mill-kumitat tal-Festa tal-Lunzjata. Dan il-kumitat kien jagħżel il-pjazzetta ta' quddiem it-Tempji Neolitiċi. Kull fiera kienet tħalli qligħ sodisfaċenti. Tant li l-fiera tal-kappillan li saret f'Settembru tas-sena 1961 kienet ħalliet is-somma ta' Lm160, somma sabiħa għal dawk iż-żminijiet. Bis-saħħa mill-qligħ tal-fieri u b'kontribuzzjonijiet minn xi individwi, saret il-pittura tas-saqaf tal-korsijiet, tas-saqaf tal-kor, tas-saqaf tal-kappelluni u tal-koppla.

## Ir-rivali tal-fieri Tarxiniżi

Billi l-knisja parrokkjali ta' Kristu Sultan damet tinbena, il-kappillan ta' dik il-parroċċa kien jorganizza tombla kull nhar ta' Ħadd. Din kienet issir fil-firxa art li fuqha kellha tinbena l-knisja. Bosta Tarxiniżi kienu jħallu r-raħal biex jattendu għal din it-tombla. Din kienet mezz biex tfajliet u guvintur jiltaqgħu u 'l quddiem kienu jiffurmaw familji. Din it-tombla kienet ittellef xi ftit mill-kummerċ li wieħed kien jistenna meta jagħmel waqt il-fiera ftit passi 'l fuq, jiġifieri f'Ħal Tarxien. Sixpence (6 euro cents) il-biljett u tombla kienet għaxar liri.

## Is-seħer tal-fiera

Il-fiera kellha l-folklor tagħha. Minn ġranet qabel min kien jorganizza fiera kien iżur bieb bieb biex jiġbor xi affarijiet biex itellagħhom. Niftakar il-kappillan Dun Anton Rapa jmur ma' Ġużeppi Dalli s-sagristan bil-karrettun u ċorma tfal. Ġużeppi kien iħabbat bieb bieb u jibda jgħajjat " Għall-fiera, għall-fiera tal-Kappillan. Għall-fiera, għall-fiera tal-festa". In-nies kienet tipprepara l-affarijiet minn qabel. Xi vażun li forsi wieħed kellu diġà bħalu, xi kaxxa ħelu u mitt ħaġa oħra. Ommi kienet tgħid li l-kappillan kien jiġbor ukoll xi tjur u fniek. Xi gidi jew anke xi għoġol. Kien hemm minn joffri xi xogħol li għamel hu bħal ġersijiet tas-suf u anke xi *doll's house*. Din kien jagħmilha Pawlu Casha fil-ħin liberu tiegħu. Ta' min jgħid li Dun Mikiel Vella kien wieħed li beda l-fieri f'Settembru. Ġieli organizzahom fl-iskola f'Villa Lanzon (illum residenza privata).

Wara Ġużeppi kien ikun hemm il-kappillan. Dan kien ikollu borża biex jiġbor il-flus. Il-fiera kellha ħafna spejjeż, permessi, dawl u mitt ħaġa oħra.

Il-kappillan kien jagħmel riklami kemm jista' jkun minn fuq l-artal taħt l-isem tal-avviżi. Kulħadd kien imur il-fiera. Din kienet mezz tajjeb biex issir xalata. Il-kappillan kien jorganizza xi ftit daqq. In-nies kienet tinġabar madwar l-imwejjed li kien ikollhom ir-rigali. Biswit kull mejda kien ikun hemm raddiena li kellha l-imsiemer u n-numri mad-dawra. Kien ikun hemm 90 numru minn 1 sa 90. Wara li wieħed jixtri biljett jew tnejn tliet soldi: (3.5 euro cents), wieħed kien jibda jitkellem ma' sħabu. Mal-ħoss tar-raddiena kien ikun hemm skiet li kont tista' taqtgħu b'sikkina. F'daqqa waħda r-rota tar-raddiena kienet tieqaf iddur. Tal-mejda kien jgħajjat kemm jifilaħ in-numru. Ta' min kien ikollu n-numru fuq il-biljett kien idur dawra mejt mal-mejda biex jagħżel ir-rigali.

Kien ikun hemm ħafna oġġetti x'wieħed kien jagħżel. Kien ikun hemm oġġetti tal-kċina u tal-





ħasil, tat-tiżjin tad-dar u mitt ħaġa oħra. Kien hemm ukoll xi kaxex taċ-ċikkulati jew gallettini.

Wara kulħadd kien jinġabar id-dar ferħan f'dak li kien rebaħ. Ir-raħal kollu kien ikun jaf x'kienet rebħet Lonza jew Mari, Lela jew Wenza, Vitor jew Anni! Dak kien żmien, żmien li qatt ma jista' jiġi lura! Ħafna nies kienu jħobbu jgħinu f'dawn il-fieri bħad-Dandu ( Karmnu Mercieca), Ċensu l-iskarpan, Kelinu u Doris Cachia. Sal-1980 Kelinu Cachia kien għadu jgħin fil-fiera ta' ħdejn il-Mużew (tat-tfal) tas-Subien ta' Ħal Tarxien. Dawn il-fieri spiċċaw wara l-1981.

**Referenza**

**M C** (forsi Michael Cachia) *X'inhu jiġri fil-parroċċa,* Tarxien Nru 3 Nov/Jan bla data (1962 ?)

Nixtieq ngħid grazzi lis-Sur Joseph A Farrugia li jagħtini informazzjoni meħtieġ kull darba li jkolli bżonn.

IL-KARTELL
Antiques Specializing in Maltese,
English & French Antique Furniture,
Antique Maltese Pine Furniture, Bone China and many more
J. J. Farrugia, 'il-Kartell' Triq San Anard, Tarxien PLA 12
Tel: 2167 2925 • Mob: 9948 5975 / 9920 3148

FINCH PET SHOP


www.Bordpol.com
Breeder of Chies & Staffs
SPECIALIZING IN DOGS
AND SMALL ANIMAL CARE & REQUIREMENTS
26, TRIQ BIRZEBBUGIA, TARXIEN. MALTA
Tel: 00356 21678431 Mob: 00356 99466603
Website: www.finchpetshop.com Email: jerryp@onvol.net